



Brussell, 7 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11299/25

Fajl Interistituzzjonal:
2023/0234 (COD)

ENV 664
COMPET 693
SAN 432
MI 508
IND 248
CONSOM 130
ENT 123
FOOD 59
AGRI 325
CODEC 972

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 388 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (reviżjoni mmirata tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 388 final.

Mehmuż: COM(2025) 388 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.7.2025
COM(2025) 388 final

2023/0234 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

**l-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (reviżjoni mmirata tad-
Direttiva Qafas dwar l-Iskart)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzionament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (reviżjoni mmirata tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. KUNTEST

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-5 ta' Lulju 2023.

(id-dokument COM(2023) 420 final – 2023/0234 COD):

Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: il-25 ta' Ottubru 2023.

Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari: it-13 ta' Marzu 2024.

Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata: Mhux applikabbli

Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: it-23 ta' ġunju 2025.

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni hu li tirrevedi d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD, Waste Framework Directive) biex jiġu introdotti miżuri ħalli jitnaqqsu l-impatti ambjentali u klimatiċi assoċjati mal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel u l-ġestjoni tal-iskart tat-tessuti, skont il-ġerarkija tal-iskart.

Għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, l-objettiv speċifiku hu li jiġu stabbiliti miri vinkolanti għall-Istati Membri biex inaqqsu l-ammonti tal-iskart tal-ikel sa tmiem l-2030 fil-livelli nazzjonali, meta mqabbla mal-ammont iġġenerat fl-2020, ħalli jikkontribwixxu għall-mira 12.3 tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli “li, sal-2030, inaqqsu bin-nofs l-iskart globali tal-ikel per capita fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur u jnaqqsu t-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf ta' wara l-ħasd”¹.

Għat-tessuti, l-objettivi speċifiċi huma li: (i) tiġi introdotta responsabbiltà estiżza tal-produttur (EPR, extended producer responsibility) obbligatorja għat-tessuti, (ii) jiġu introdotti regoli ġenerali għall-ġestjoni tat-tessuti użati u l-iskart tat-tessuti; u (iii) jiġu indirizzati il-vjeġġi illegali tal-iskart tat-tessuti.

¹ <https://sdgs.un.org/2030agenda> (ara l-Mira 12.3)

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-18 ta' Frar 2025. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-qbil, li l-punti ewlenin tiegħu huma stabbiliti hawn taħt.

Għat-tnaqqis fl-iskart tal-ikel

- **Dwar il-livell tal-miri għat-tnaqqis fl-iskart tal-ikel** (Artikolu 9a(4), il-punti (a) u (b)): il-Parlament Ewropew u l-Kunsill aċċettaw il-livelli proposti mill-Kummissjoni għall-miri għat-tnaqqis fl-iskart tal-ikel.
- **Dwar is-sena ta' referenza** (Artikolu 9a(4), il-punti (a) u (b) u Artikolu 9a(5)): il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li tintuża l-medja annwali bejn l-2021 u l-2023 bħala punt ta' referenza għat-tnaqqis fl-iskart tal-ikel, bil-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw sena ta' referenza aktar bikrija, qabel l-2021.
- **Dwar il-fattur ta' korrezzjoni għat-turiżmu** (Artikolu 9a(5a)): il-koleġiżlaturi qablu li jistabbilixxu fattur ta' korrezzjoni biex jitqiesu l-fluttwazzjonijiet fil-flussi tat-turiżmu.
- **Dwar il-klawżola ta' rieżami sal-31 ta' Diċembru 2027** (Artikolu 9a(7)): il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' rieżami rigward il-miri għat-tnaqqis fl-iskart tal-ikel, ġalli jinkludu valutazzjoni (a) tal-fattibiltà li jiġu stabbiliti miri għat-tnaqqis fl-iskart tal-ikel għall-2035; (b) tal-fatturi xierqa biex jitnaqqas l-iskart u t-telf tal-ikel fil-produzzjoni primarja u, (c) tal-impatti tal-bidliet fil-livelli tal-produzzjoni tal-ikel fuq l-ilħuq tal-miri għat-tnaqqis fl-iskart tal-ikel.
- **Dwar id-donazzjoni tal-ikel** (Artikolu 9a(1), it-tieni subparagrafu, l-aħħar sentenza): il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jżommu approċċ volontarju rigward id-donazzjoni tal-ikel filwaqt li jirrik jedu li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi li għandhom rwol sinifikanti fil-prevenzjoni u l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel (kif identifikat minn kull Stat Membru), jipproponu ftehimiet ta' donazzjoni mal-banek tal-ikel u organizzazzjoni oħra tar-ridistribuzzjoni.

Għat-tessuti:

- **Dwar l-inklużjoni tal-mikrointrapriżi fid-definizzjoni ta' "produtturi":** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jinkludu l-mikrointrapriżi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EPR billi jimmodifikaw id-definizzjoni ta' produtturi inizjalment proposti mill-Kummissjoni. Skont il-prioritajiet tal-Kummissjoni, ġew introdotti miżuri ta' mitigazzjoni importanti biex jiġi evitat li jinħolqu piżżejjiet amministrattivi addizzjonali eċċessivi għall-operaturi ekonomiċi żgħar. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar l-introduzzjoni gradwali tal-mikrointrapriżi li jridu jiġu inklużi biss fi stadju aktar tard fid-definizzjoni ta' "produtturi", billi jiġi ffissat dewmien ta' 12-il xahar wara l-iskadenza għall-istabbiliment tal-iskemi tal-EPR (b'kolloks sa 42 xahar wara d-dħul fis-seħħi tad-Direttiva emendatorja). Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu wkoll li jitnaqqsu u jiġu ssimplifikati l-obbligi ta' rapportar għall-mikrointrapriżi, eż. billi jirrapportaw biss il-prodotti li jqiegħdu fis-suq ta' Stat Membru għall-ewwel darba fuq bażi annwali. Fl-aħħar nett, għiet inkluża premessa li tindika li l-kontribuzzjoni finanzjarja għal tali organizzazzjonijiet għandha tqis il-volum ta' tessuti mqiegħed fis-suq. Dan il-kompromess jestendi l-kopertura tal-EPR filwaqt li jiżgura obbligi ta' rapportar u

kontribuzzjonijiet finanzjarji proporzjonati għall-mikrointrapriżi biex jinżammu l-kundizzjonijiet tas-suq ġusti u jiġu evitati ostakli mhux intenzjonati għad-dħul għal tali operaturi iżgħar.

- **Dwar l-ekomodulazzjoni tat-tariffi tal-EPR:** il-koleġiżlaturi qablu li jipprovdu lill-Istati Membri bil-possibbiltà li jimmmodlaw it-tariffi tal-EPR abbażi ta' prattiki tal-modha mgħaż-za u ultraveloċi, flimkien mal-kriterji ta' sostenibbiltà li jridu jiġu definiti skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għall-Prodotti Sostenibbli (ESPR, Ecodesign for Sustainable Products Regulation). Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li l-kriterji għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji abbażi tal-prattiki tal-produtturi, bħall-modha mgħaż-za u ultraveloċi, se jiġu stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni digħi ppjanati biex jiddefinixxu l-kriterji tal-ekomodulazzjoni skont l-atti delegati tal-ESPR.
- **Dwar il-bidla fid-definizzjoni ta' “tqegħid fis-suq”:** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jissostitwixxu d-definizzjoni oriġinali ta' “tqegħid fis-suq tal-Unjoni” bid-definizzjoni ta' “tqegħid fis-suq ta' Stat Membru”. Il-Kunsill u l-Parlament qablu li jinkludu premessa, li tirreferi għas-suq tal-Unjoni (UE), biex tiċċara li jridu jiġu evitati l-pagamenti tat-tariffi tal-EPR f'aktar minn Stat Membru wieħed relatati ma' prodott wieħed.
- **Skeda taż-żmien għat-traspożizzjoni tad-Direttiva:** Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar traspożizzjoni fi żmien 20 xahar (minflok 18-il xahar, kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni) mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendantorja. Skont l-istabbiliment tal-iskemi tal-EPR, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill halley l-iskadenza ta' 30 xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendantorja. Dan il-perjodu għandu l-ġhan li jiżgura li l-Istati Membri jingħataw bizzżejjed żmien biex jittrasponu d-Direttiva emendantorja mingħajr ma' jipposponu l-istabbiliment tal-iskemi tal-EPR.
- **Dwar il-pjattaformi online u l-obbligi tal-EPR:** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jinkludu premessa li tiċċara l-obbligi applikabbi għall-fornituri tal-pjattaformi online skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Digideli – DSA, Digital Services Act) rigward l-obbligi tal-EPR. It-test ta' kompromess jiċċara wkoll li l-obbligi skont id-WFD jeħtieġ li jkunu konsistenti mad-DSA.
- **Inklużjoni ta' evalwazzjonijiet u klawżoli ta' rieżami:** Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jinkludu evalwazzjonijiet tad-WFD u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills sal-31 ta' Diċembru 2029, inkluż tliet klawżoli ta' rieżami biex jivvalutaw: (1) il-kapaċità finanzjarja tal-iskemi tal-EPR għat-tessuti; (2) il-possibbiltà li jiġu stabbiliti miri għat-tessuti rigward il-ġbir, l-użu mill-ġdid u r-riċċiklaġġ; u (3) il-possibbiltà ta' separazzjoni minn qabel tal-iskart muniċipali qabel ir-rimi tiegħu. It-test ta' kompromess jipprovdi lill-Kummissjoni b'bizzżejjed żmien biex tiġib data relatata mal-iskemi tal-EPR li għandha tiġi vvalutata fil-klawżoli ta' rieżami.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negożjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.